# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 23 ta’ Novembru 2001**

**Appell Nru. 129/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**George Spacey**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva (fit-12 ta’ Novembru, 1998) kontra George Spacey talli f’dawn il-Gzejjer “matul dawn l-ahhar xhur qabel is-27 ta’ Mejju 1994”

(1) kellu fil-pusses tieghu l-pjanta Cannabis, kollha jew bicca minnha bi ksur ta’ l-artikolu 8(d) tal-Kap. 101;
(2) ikkoltiva l-pjanta Cannabis bi ksur ta’ l-Artikolu 8(c) tal-Kap.101;
(3) assocja ruhu ma’ persuni ohra f’dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika medicina perikoluza (jikkoltiva u jitraffika l-pjanta Cannabis) kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), jew ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja assocjazzjoni bi ksur tal-Artkolu 22(1)(ii)(f) tal-Kap. 101; u
(4) sar recidiv billi kien instab hati ta’ reat b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta’ Settembru, 1993;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta’ Gunju, 2001, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi George Spacey hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, ikkundanntu ghall-piena ta’ **sentejn prigunerija** (li minnu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-istess Spacey ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dan il-kaz), kif ukoll **multa ta’ erba’ mitt lira** (Lm400); fl-ahhar nett l-ewwel qorti isollecitat lid-Direttur tal-Habs sabiex jiehu dawk il-mizuri kollha diretti ghall-kura tal-hati fil-parametri tar-regolamenti tal-habs;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess George Spacey, minnu ppresentat fis-26 ta’ Gunju, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta' Settembru, 2001; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa, bazikament, wiehed u cioe` li l-ewwel qorti ma kellhiex temmen lix-xhud Hector Galea, li, skond l-appellant, huwa l-uniku xhud fir-rigward ta' l-ewwel tlett imputazzjonijiet (ir-recidiva hija konsegwenza tas-sejbien ta' htija dwar xi wahda mill-ewwel tlett imputazzjonijiet). Skond l-appellant, dana Galea xehed kif xehed biex ifarfar minn fuq spallejh u jaddossa l-htija fuqu (cioe` fuq l-appellant). Skond l-appellant, minhabba d-differenza fl-eta` bejnu u bejn dana Galea, hija aktar kredibbli "l-inversjoni tax-xhieda ta' Galea", u cioe` li kien Galea li kien jinfluwenza lill-appellant u li qabbad lill-appellant it-triq tad-droga u mhux, kif jghid Galea, li l-appellant kien ilu jipprovdih bid-droga minn mindu kellu hmistax-il sena. L-appell jirrizolvi ruhhu, ghalhekk, fi kwistjoni ta' kredibbilita`.

Kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, hija ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti. Jekk din il-Qorti, wara li tkun ezaminat il-provi kollha u bir-reqqa, tkun tal-fehma li l-ewwel qorti, bil-provi li kellha quddiemha, setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din il-Qorti ma tiddisturbax dik il-konkluzzjoni; jekk, invece, din il-Qorti tkun tal-fehma li l-ewwel qorti ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni impellenti sabiex dik il-konkluzzjoni tigi varjata jew addirittura revokata. F'kaz bhal dak in dizamina fejn, kif tajjeb josserva l-appellant, kollox (jew kwazi kollox) jiddependi fuq id-deposizzjoni ta' xhud wiehed (Hector Galea) li kien komplici ma' l-appellant, din il-Qorti trid toqghod ferm aktar attenta; huwa veru li skond l-Artikolu 30 tal-Kap. 101 ix-xiehda ta' Galea ma hemmx ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra, pero` huwa daqstant veru li proprju minhabba f'hekk din il-Qorti trid tassigura ruhha li l-ewwel qorti, biex waslet ghad-decizzjoni taghha, tkun hadet in konsiderazzjoni u tat il-piz xieraq ghal dak kollu li kellha tiehu in konsiderazzjoni u taghti piz, u li ma tkun halliet barra xejn li b'xi mod seta' jincidi fuq dik il-konkluzzjoni taghha.

Issa, ma hemmx dubbju li fuq ic-cirkostanzi ta' kif u minghand min Hector Galea gab iz-zerriegha tal-*cannabis* u kif hu u l-appellant ftehmu li jizirghu u jsaqqu l-pjanti, il-versjoni ta' dana Galea moghtija kemm f'dawn il-proceduri kif ukoll fil-proceduri kontra tieghu[1] hi, piu` o meno, wahda konsistenti. Hemm cirkostanza, pero`, li tincidi fuq il-kredibbilita` ta' l-imsemmi Galea u li l-ewwel qorti jidher li ma kkunsidrata xejn fis-sentenza taghha, u cioe` c-cirkostanza ta' kif Galea kellu access ghall-fond ta' Oscar Cassar f'liema fond kienet qed issir il-koltivazzjoni tal-pjanti in kwistjoni. Fiz-zewg stqarrijiet li Galea kien irrilaxxja lill-pulizija fid-29 ta' Mejju, 1994 (ara fol. 34 u 36 tal-atti tal-process kontra l-istess Galea), huwa qal li lil "certu Oscar" (li Spacey kien qed jghid li l-fond huwa tieghu) hu (Galea) ma kienx jafu u li qatt ma kellmu fuq dan il-post.

[1] ***Il-Pulizija v. Hector Galea***, decizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Mejju, 1998.

Meta, pero`, Galea xehed fil-kawza tieghu (fol. 145 *et seq.*), huwa qal hekk:

"In rigward dan il-post, darba George Spacey qalli li l-ghada kellu jigi Oscar Cassar sabiex jaghtina c-cavetta ta' dan il-post, f'idejh. Fil-fatt jiena u George Spacey konna iltqajna ma' Oscar Cassar vicin id-dar tal-istess George Spacey. Oscar Cassar gabilna c-cwievet. Kellu tlieta. Wahda minnhom ta lili, wahda lil George Spacey. Oscar Cassar qalilna "izirghu, basta ittuni xi haga biex inpejjep" (fol. 148).

Meta din is-silta, flimkien mad-deposizzjoni kollha li kien ta fil-proceduri tieghu, inqrat lilu fis-17 ta' Novembru, 1998 (allura issa fil-proceduri kontra l-appellant Spacey), Galea ikkonfermaha. Meta Galea, pero`, gie kontro-ezaminat (fid-9 ta' Frar, 2000, fol. 114), huwa rega' biddel il-versjoni tieghu u qal li meta Spacey giet f'idejh ic-cavetta tal-post hu (Galea) ma kienx mieghu, li Oscar qatt ma tah ic-cavetta tal-post u li c-cavetta tal-post kien tahielu Spacey (ara fol. 116 u 117). Oscar Cassar, minn naha tieghu, dejjem qal li ghalkemm ic-cavetta tal-post in kwistjoni kien darba ta lil Spacey ghal xi zmien, in segwitu dan kien tahielu lura, u wara kien talabielu Galea u hu (Cassar) kien ta c-cavetta direttament lil Galea (ara d-deposizzjoni ta' Cassar kemm tas-17 ta' Novembru, 1998 kif ukoll tas-6 ta' Novembru, 2000). Ghalkemm hu evidenti li min ha l-inizjattiva biex ikollu f'idejh il-post fejn il-pulizija in segwitu sabu l-pjanti tal-*cannabis* hija cirkostanza importanti li tista' tghin biex jigi determinat min kien verament qed ihajjar lil min fl-attivita` tal-koltivazzjoni ta' dawk il-pjanti, kif diga inghad l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, injorat ghal kollox din ic-cirkostanza.

Din il-Qorti kienet forsi tkun propensa li tinjora c-cirkostanza tac-cavetta li kieku l-ewwel qorti ma rabtitx ukoll il-kredibbilita` ta' Galea ma' cirkostanza ohra. L-ewwel qorti, infatti, osservat li Spacey, fl-istqarrija tieghu tat-28 ta' Mejju, 1994 lill-pulizija, kien qal li hu kien ilu ma jmur fil-post in kwistjoni (jigifieri fil-post ta' Cassar fejn il-pulizija sabu l-pjanti) "mis-sajf li ghadda". L-ewwel qorti qalet li din l-affermazzjoni ta' Spacey kienet kontradetta minn zewg pulizija – PC 675 Mario Micallef u PS 353 Frank Sciberras – li qalu li fil-25 ta' Mejju, 1994, cioe` jumejn qabel ma' Galea inqabad fil-post isaqqi l-pjanti, huma kienu raw lil Spacey diehel fil-fond in kwistjoni (ara fol. 66 a rigward ta' Micallef u fol. 68 u 69 a rigward ta' Sciberras). Dan il-fatt kien, ghall-ewwel qorti, ir-rabta krucjali ta' Spacey mal-pajnati tal-*cannabis* li kienu qed jigi koltivati fil-fond ta' Cassar, u kienet ghalhekk ghal dik il-qorti cirkostanza li tikkorrobora l-versjoni ta' Galea. Dak li l-ewwel qorti evidentement ma rrealizzatx (ghalkemm il-process ta' Galea gie ezibit fil-process ta' l-appellant odjern) hu li meta dawn iz-zewg ufficjali tal-pulizija kienu xehed fil-kawza kontra Galea huma kienu taw versjoni differenti u li b'ebda mod ma torbot lil Spacey mad-data tal-25 ta' Mejju, 1994 aktar 'l fuq imsemmija. Fil-proceduri odjerni PC 657 Micallef jghid testwalment hekk:

"Xhud: ….Fil-25 gie l-imputat[2] li qed nara fl-awla…

---
[2] George Spacey.

"Pros: Meta ghidtilna li gie l-imputat fuq il-post x'rajtu jaghmel?
"Xhud: Jidhol gewwa."

Dan l-istess xhud, pero`, fil-proceduri kontra Galea kien qal hekk fit-8 ta' Gunju, 1994 (fol. 54, 56):

"Ergajna morna l-ghada, il-25 ta' Mejju 1994, u ghall-habta ta' l-4.30 ta' wara l-ikel gew zewg persuni li jidhru zghazagh bil-mixi. Dawn fethu l-katnazz tal-bieb tal-post in kwistjoni u dahlu gewwa. Dak il-hin PC 853[3] avvicina aktar il-post in kwistjoni sabiex ikun jista' jara ahjar. Jien pero bqajt fejn kont. Fil-fatt wara xi ghaxar minuti iz-zewg persuni li semmejt hargu mill-post in kwistjoni, regghu ghalqu l-bieb bl-istess katnazz, u telqu 'l hemm… minn dawk it-tnejn minn nies li rajt dehlin fil-post kif spjegajt aktar 'l fuq ma naghraf lil hadd minnhom, peress li dak il-hin konna naqra 'l boghod." (sottolinear ta' din il-Qorti).

Dana l-kuntistabbli, mela, ma kienx kapaci, f'Gunju ta' l-1994, ftit granet wara l-osservazzjoni li kien ghamel, li jidentifika lil Spacey minkejja li dan Spacey kien gie arrestat mill-pulizija fit-28 ta' Mejju, 1994, pero` identifikah aktar minn erba' snin wara (cioe` meta xehed fl-1 ta' Dicembru, 1998)! Fl-ewwel deposizzjoni teghu dana l-kuntistabbli jitkellem dwar zewg persuni bil-mixi; fid-deposizzjoni fil-proceduri kontra Spacey huwa jsemmi persuna wahda biss. Kwantu ghal PS 353 Sciberras, dan, meta xehed fil-proceduri kontra Spacey (ukoll fl-1 ta' Dicembru, 1998) qal hekk:

"Xhud: …fil-25 ta' Mejju konna innutajna ragel li qed naghraf hemm (ix-xhud qed jindika lill-imputat[4]), kien gie bil-mutur. Konna rajnieh fil-kamra imsemmija fejn konna hdimna dan il-kaz…
"Pros: Meta gie l-imputat, ghidtilna gie bil-mutur?
"Xhud: Fil-25, iva." (sottolinear ta' din il-Qorti).

Meta dana Sciberras xehed fil-proceduri kontra Galea fit-8 ta' Gunju, 1994, huwa kien qal hekk (fol. 50 u 51):

"…Pero` l-ghada il-25 ta' Mejju, 1994 ghall-habta ta' l-4.30 pm fl-istess post taht osservazzjoni waslu zewg persuni. Dawn gew bil-mixi. Dawn iz-zewg persuni dahlu fl-istess post li kien qed jinzamm taht osservazzjoni. Hawnhekk nixtieq nghid li l-bieb ta' l-istess post kien jissakkar b'katina u b'katnazz. Dawn iz-zewg persuni ma kontrx gharafthom." (sottolinear ta' din il-Qorti).

Il-kuntradizzjonijiet f'dawn id-deposizzjonijiet tant huma ovvji, li l-Qorti jidhrilha li ma ghandhiex ghalfejn tikkummenta aktar. Sfortunatament, kif inghad, dan kollu jidher li sfugga lill-ewwel qorti.

L-appellant dejjem cahad li hu qatt kien involut fl-attivita` li qed jaddebitalu Hector Galea. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u peress li l-ewwel qorti jidher li biex waslet ghall-konkluzzjoni taghha injorat certi fatti importanti, din il-Qorti ma tarax li tista' b'dik is-serenita` li ghandha takkumpanja kull gudizzju tikkonferma s-sentenza appellata. Fi kliem

[3] **Recte**: 353.
[4] George Spacey.

iehor, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, id-decizzjoni ta' l-ewwel qorti li sabet htija ghal dak li jirrigwarda l-ewwel tlett imputazzjonijiet hija "unsafe and unsatisfactory". Kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tfisser fis-sentenza taghha tas-7 ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet ***The Police v. Michael John Turner***,

"As was explained by Lord Chief Justice Widgery in *R. v. Cooper* [1969] 1 QB 276 (in connection with a provision of English statutory law, s. 2(1)(a) of the Criminal Appeal Act, 1968[5]), assuming there was no specific error in the conduct of a trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case, with the conclusion of the learned magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed (see also, *Blackstone's Criminal Practice (1991)*, p. 1392). This principle is in practice applied also by this Court." [6]

Ghall-motivi premessi, din il-Qorti tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant George Spacey minn kull imputazzjoni, htija w piena.

[5] Qabel l-emendi introdotti f'dik il-ligi bil-*Criminal Appeal Act, 1995.*
[6] Ara wkoll ***Archbold – Criminal Pleading, Evidence and Practice 2001*** (Sweet & Maxwell), para. 7-47 sa 7-49, pagni 916 u 917.